# Aħbar Tajba



Is 5, 1-7
S 79 (80), 9.12.13-14.15-16.19-20
Fil 4, 6-9
Mt 21, 33-43

"Issa sid l-għalqa x'jagħmlilhom lil dawk il-bdiewa meta jiġi?" Qalulu: "Jeqridhom bla ħniena, **ta' ħżiena li huma, u l-għalqa jqabbilha lil bdiewa oħra li jroddulu l-frott fi żmienu."**

Ma nafx intom, imma jien tgħidx kemm inħobbhom l-istejjer. Minn meta kont żgħir, l-hena tiegħi kien meta l-għalliema kienet tibda l-lezzjoni bi storja. Imma kontu tafu li anke Ġesù kien iħobbhom l-istejjer? Ħafna drabi, kull meta kien jgħallem, kien jibda bi storja qasira. Dawn l-istejjer ta' Ġesù nsejħulhom parabboli u kull waħda minn dawn l-istejjer għandhom tagħlima waħda u ċara.

Fl-Evanġelju tal-lum smajna waħda minn dawn il-parabboli, waħda fuq sinjur li kellu għalqu kbira tad-dwieli u biex jieħu ħsiebha, barra li kien iħallas lill-ħaddiema, bnielha wkoll ħajt madwarha, ħaffer post fejn jistgħu jagħsru l-għeneb u saħansitra bena torri biex kull min jaħdem fl-għalqa tiegħu jkollu moħħu mistrieħ. Ħadd mill-ħaddiema ma seta' jgħid li sid l-għalqa kien xħiħ jew kattiv. Kien ħa ħsiebhom sew. Imma meta wasal il-jum li s-sid jiġbor il-frott tax-xogħol ħalli jbiegħu, il-ħaddiema ddeċidew li jżommu kollox għalihom. Kull min bagħtilhom is-sid biex jiġbor l-frott, spiċċaw iġġieldu miegħu. Fl-aħħar, is-sid bagħat lil ibnu stess. Kellu fiduċja li jindunaw bl-iżball tagħhom u jiftiehmu. Imma mhux hekk ġara. Anzi l-istorja tispiċċa kerha ħafna għax saħansitra joħdulu ħajtu.

L-istorja tieqaf hawn u mbagħad idur fuq dawk li qed jisimgħu u jistaqsihom: "Issa sid l-għalqa x'jagħmlilhom lil dawk il-bdiewa meta jiġi?" Qalulu: "Jeqridhom bla ħniena, ta' ħżiena li huma, u l-għalqa jqabbilha lil bdiewa oħra li jroddulu l-frott fi żmienu."

Għaliex taħsbu li Ġesù rrakkonta din l-istorja iebsa? Ġesù dakinhar kellu quddiemu nies li kienu miżmuma bħala nies tajba – il-qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-poplu. Ħafna kienu jħarsu lejhom bħala mudelli u jisimgħu minnhom. Imma kien hemm ftit minnhom li kif bdew isiru popolari, bdew iġibu ruħhom differenti, qishom setgħu jagħmlu li jridu. Kienu bdew bħala nies tajba, imma meta saru importanti tilfu t-triq t-tajba.

F'din il-parabbola Ġesù qed ifakkar lil dawn in-nies, u magħhom lilna wkoll, li rridu nibqgħu attenti fuqna nfusna – dak li ngħidu u dak li nagħmlu – biex ma mmorrux naqbdu triq ħażina li ma twassal imkien sabiħ! Għalhekk ejjew fil-jiem li ġejjin, qabel norqdu, nieqfu ftit u naraw xi jkun ġara matul il-jum u jekk inkunu żbaljajna naraw li l-għada nikkoreġu ruħna.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.** SID, GĦALQA, DWIELI, TELLGĦALHA, ĦAJT, ĦAFFER, MAGĦDUR, BNIELHA, TORRI, BDIEWA, QADDEJJA, SAWTUH, ĦAĠĠRUH, QATLUH, IBNU

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| I | B | N | I | M | A | Ħ | B | U | B |
| Ħ | A | Q | Q | R | U | H | N | O | S |
| S | I | Ġ | A | R | D | W | IE | L | I |
| T | Q | A | D | A | R | T | L | I | D |
| Ħ | A | Ġ | Ġ | R | U | H | H | K | L |
| Ġ | T | T | O | R | R | I | A | S | GĦ |
| E | L | E | F | R | IE | GĦ | I | A | Q |
| S | U | L | F | R | B | D | IE | W | A |
| Ù | H | L | D | W | IE | Ħ | I | T | D |
| O | T | GĦ | A | L | Q | A | B | U | D |
| T | Ħ | A | J | T | L | F | N | H | E |
| S | A | L | I | B | N | F | U | A | J |
| B | E | H | D | S | A | E | W | S | J |
| J | M | A | GĦ | D | U | R | J | D | A |





# Talba ta' Santa Tereża ta' Avila

Kristu ma baqagħlux ġisem
imma għandu tiegħek.
M'għandux idejn jew saqajn
fuq l-art ħlief tiegħek.
Tiegħek huma l-għajnejn li juża
biex iġib il-ħniena fid-dinja.
Tiegħek huma r-riġlejn li juża
biex iġib it-tajjeb.
Tiegħek huma l-idejn li bihom
ibierek lid-dinja kollha.

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web






**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.